MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 43/2018

It-Tnejn 26 ta' Frar 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

## 43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

43.1.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Christian Cassar u iċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba, kienu skużati. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġiji.

## 43.2 Ġemellaġġ mal-*Comune di Lanuvio* u *items* oħra tal-Kunsill Lokali meħtieġa.

43.2.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jiġi organizzat seminar mill-MEUSAC nhar il-Ġimgħa 2 ta' Marzu 2018 bejn id-9.00am u t-3.00pm fil-*Campus* tal-Universita' ta' Malta f'Għawdex bit-titlu *'EU Funds : The Gozitan Experience'.*
Is-Sindku qal li bħala Kunsill ġejna mistiedna għal dan is-*seminar* u mitluba nagħmlu preżentazzjoni ta' ħames minuti fuq l-esperjenza tagħna meta ġew fostna il-parteċipanti mill-Lanuvio s-sena l-oħra. Dan minħabba l-fatt li tlabna għall-għajnuna mill-MEUSAC biex nieħdu fondi ewropej u bil-għajnuna tagħhom dan il-proġett kien possibli.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Chev C Saliba jekk għandux il-pjaċir jagħmel din il-preżentazzjoni hu, peress li hu l-Kunsillier responsabbli minn dan il-qasam.

43.2.2 Min-naħa tiegħu Chev C Saliba aċċetta d-delega tas-Sindku biex jagħmel din il-preżentazzjoni.
Chev C Saliba żied jgħid li bejn is-16 u t-18 ta' Marzu 2018 ser ikun hawn fostna żewġ rappreżentanti tal-ġemellaġġ ta' Lanuvio is-Sur Mawrizio Santoro u s-Sur Antonino Vecchi. Dawn ser ikunu fostna wara li ġew aċċettati biex isiru parti mill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Lazzru. Chev C Saliba f'isem l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Lazzru stieden lill-Kunsilliera u lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn għaċ-ċerimonja li ser issir fil-Knisja Parrokkjali taż-Żebbuġ nhar is-17 ta' Marzu 2018 fit-3.30pm u għall-*gala dinner* wara din iċ-ċerimonja fil-lukanda Calypso. Chev C Saliba ppropona sabiex l-alloġġjar taż-żewġ rappreżentanti tal-ġemellaġġ flimkien mal-mara tagħhom ikun imħallas mill-

Kunsill bl-ispiża totali ta' €240. Din il-proposta ġiet issekondata mis-Sindku u l-Kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

43.2.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Ministeru għal Għawdex li ser isir *weekend* ta' attivitajiet kulturali f'Għawdex bl-isem '*Gozo Alive*' bejn it-18 u l-20 ta' Mejju 2018. Il-Ministeru għal Għawdex qed jilqa' proposti mill-Kunsilli Lokali sabiex itellgħu attivitajiet f'dan il-weekend bil-possibilita' li l-Ministeru jkopri sa 50% tal-ispejjes. Il-membri tal-Kunsill Lokali qablu li ssir proposta lill-Ministeru bl-attivita' iġġib l-isem ta' '*Gozo Alive : Arti u Tradizzjonijiet Żebbuġin*' u ssir bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet tar-raħal kif ukoll bil-parteċipazzjoni tal-iSkola Primarja taż-Żebbuġ.

43.2.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija bi proposta sabiex il-Kunsill jorganizza ħarġa soċjo-kulturali bil-kollaborazzjoni tas-Soċjeta' nhar id-9 ta' Marzu 2018 għall-pellegrinaġġ djoċesan bl-istatwa restawrata ta' Ġesu' Redentur ġewwa l-Isla. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u l-organizzazzjoni ta' din il-ħarġa min-naħa tal-Kunsill ser tkun il-ħruġ ta' avviżi bieb bieb u fuq facebook, u t-trasport. Min-naħa ta' loġistika ser tkun f'idejn is-Soċjeta' Filarmonika Santa Marija.

43.2.5 Applikazzjonijiet tad-Divertiment

- Eliża Galea – Lunch - Xwejni Salt Pans Area (as per site plan) – 12/04/2018

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet.

43.2.6 Il-Kunsillier Chev C Saliba ppreżenta ittra lis-Segretarju Eżekuttiv u qara din l-ittra pubblikament waqt il-laqgħa fejn spjega fid-dettal il-kontenut tagħha. Din kienet titratta ilment mingħand resident li joqgħod fl-inħawi tas-sies ta' fuq Triq ta' Ċenċ dwar sfreġju ambjentali li ġie kommess fis-siġar tal-ħarrub ta' taħt is-sies. Chev C Saliba qal li ġie mgħobbi bir-responsabilita' minn dan ir-resident sabiex iressaq formalment dan l-ilment u tittieħed azzjoni.
Wara mistoqsi minnu jekk sarx xi xogħol mill-Kunsill fuq dawn is-siġar tal-ħarrub, is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma ngħatat l-ebda ordni ta' xogħol fuq dawn is-siġar.
Il-Kunsill qabel li għandu jittieħed parir legali dwar dan.

## 43.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

43.3.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 20 ta' Marzu 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta 20 ta' Marzu 2018.

<u>Iffirmati</u>
**Nicky Saliba**
Sindku

<u>Iffirmati</u>
**Ryan Debrincat**
Segretarju Eżekuttiv